PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Iżvilupp

2005/0167(COD)

8.6.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment
(COM(2005)0391 – C6-0266/2005 – 2005/0167(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Marie-Arlette Carlotti

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fil-qafas ta' din id-direttiva, il-Kummissjoni tipproponi l-implimentazzjoni progressiva ta' politika ta' ritorn komuni applikabli għal ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż irregolarment. L-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' politika ta' ritorn ekwilibrata u ġusta għaliex hu meħtieġ li jkun hemm standards komuni dwar ir-ritorn, li jiggarantixxu ritorn xieraq u sikur taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż irregolarment. Barraminnhekk, politika ta' ritorn armonizzata progressivament għandha tkun ibbażata fuq regoli ċari, trasparenti, ġusti u kompatibbli mal-libertajiet fundamentali tal-persuni kkonċernati u mad-drittijiet tal-bniedem. Dan hu rikonoxxut mill-Kummissjoni. Madankollu, ċerti dispożizzjonijiet tal-proposta tad-direttiva ma jidhrux li jaqblu kompletament mal-prinċipju tal-proporzjonalità u mar-rispett lejn id-drittijiet fundamentali.

Barraminnhekk, politika ta' ritorn simili għandha tkun akkumpanjata minn miżuri li jippermettu lill-migranti aċċess għal żjarat regolari. Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali għandha neċessarjament tiġi kompletata bil-ftuħ ta' metodi legali għall-migrazzjoni u l-irwol pożittiv tal-migranti għall-pajjiż ospitanti għandu jiġi rikonoxxut u mgħarraf. Fuq kollox, id-drittijiet tal-migranti għandhom jiġu rispettati - li wieħed imur minn pajjiż għall-ieħor huwa dritt fundamentali. Fost id-drittijiet, il-parteċipazzjoni fil-ħajja tas-soċjetà ospitatnti u possibilità effettiva ta' integrazzjoni għandhom verament jiġu kkunsidrati u promossi.

Huwa wkoll fundamentali li wieħed jagħraf u jippromwovi l-irwol tal-migranti fil-ġlieda kontra l-faqar u fl-iżvilupp. Għal din ir-raġuni, il-fenomenu migratorju għandu jiġi kkunsidrat fl-istrateġiji nazzjonali u internazzjonali għall-qerda tal-faqar fid-dawl tal-konkretizzazzjoni tal-Objettivi tal-Millenju. Dan jimplika li jiġu affrontati l-kawżi bażiċi tal-migrazzjoni skond il-prinċipju tas-solidarjetà u b'koperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi terzi u ma' l-organizzazzjonijiet reġjonali. L-għajnuna lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw m'għandhiex tkun marbuta ma' klawsoli ta' dħul mill-ġdid u mal-prestazzjoni fl-immaniġġjar tal-flussi migratorji. Ir-responsabilità għall-migrazzjoni ma tistax tingħata lill-pajjiżi ta' l-oriġini u ta' tranżitu u b'mod partikolari lanqas lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-Unjoni Ewropea għandha tadotta risposta adegwata u konġunta għal dan il-fenomenu, li tinkludi miżuri ta' akkumpanjament u ta' integrazzjoni tal-migranti. Iktar preċiż fir-rigward tar-ritorn, ma jistgħux jiġu traskurati l-effetti psikoloġiċi tal-migrazzjoni u tat-tkeċċija.

Biex ikun assigurat li r-ritorn isir taħt kundizzjonijiet xierqa, jeħtieġ b'mod partikolari:

- jiġi ppreferut ir-ritorn volontarju - il-migranti jingħataw perjodu raġonevoli biex jippreparaw proġett ta' ritorn taħt kundizzjonijiet tajba, li jimplika ċertu numru ta' garanziji matul dan il-perjodu - u jiġu evitati l-miżuri ta' tkeċċija;

- tingħata informazzjoni preċiża, trasparenti, attwali u aċċessibli liċ-ċittadini minn pajjiżi terzi;

- jingħataw garanziji proċedurali effettivi li jippermettu lill-migranti juru s-sitwazzjoni personali tagħhom u lill-awtoritajiet li jkollhom approċċ individwali; l-uffiċjali u l-imħallfin

responsabbli għandhom jiġu mħarrġa fuq is-suġġett;

- ma jintużawx miżuri ta' kustodja ħlief bħala l-aħħar tentattiv u jkun żgurat li l-perjodi ta' kustodja jibqgħu qosra, ikunu oġġettivament ġustifikati u kkontrollati ġudizzjarjament; ikun żgurat li l-kundizzjonijiet tal-kustodja jibqgħu xierqa u jirrispettaw id-drittijiet tal-migranti;

- tkun preferuta l-integrazzjoni tal-migrant fil-pajjiż ta' l-oriġini u li l-proġett tar-ritorn tiegħu jkun akkumpanjat;

- ikun evalwat l-impatt tal-politika ewropea tar-ritorn fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-Unjoni Ewropea għandu jkollha politika ta' ritorn ibbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u tal-qsim tar-responsabilità mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għandha tkun konxja ta' l-effetti tal-politika tagħha fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tar-riskju tar-refoulement u tadotta politika ta' migrazzjoni koerenti u orizzontali, fejn l-aspetti ta' l-iżvilupp jiġu kkunsidrati fl-oqsma kollha ta' azzjoni. Għandha tassigura wkoll li l-migranti li jirritornaw jagħmlu dan f'qafas ta' proġett sostenibbli, li jippermettilhom li jinserixxu lilhom infushom fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom u hemm jipparteċipaw fil-ħajja soċjali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill- Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni[1]	Emendi tal-Parlament
Emenda1 Titolu	
Proposta għal direttiva tal-Parlament rigward standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***illegalment***.	Proposta għal direttiva tal-Parlament rigward standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż ***irregolarmaent***. *Jekk tiġi adottata din l-emenda tkun tapplika għall-verżjonijiet kollha f'kull lingwa li jużaw il-kelma "illegali" jew xi kelma oħra ekwivalenti.*
	Ġustifikazzjoni
	L-iskop ta' din l-emenda huwa li flok il-kelma "illegali" fit-test tad-direttiva proposta tidħol il-kelma "irregolari".

[1] Għadha mhux ippubblikata fil-GU.

Emenda 2
Konsiderazzjoni 1 a (ġdida)

– wara li kkunsidra l-prinċipji gwida tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar ir-ritorn infurzat (COM(2005)0040),

Emenda 3
Premessa 4

(4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li reżidenza illegali titwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti.	(4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *tmiem għar*-reżidenza illegali *j*itwettaq permezz ta' proċedura ġusta u trasparenti imma ***qabel kollox għandhom jintervjenu fl-oriġini biex jevitaw li d-dħul ikun bilfors illegali (minħabba nuqqas ta' mezzi legali ta' dħul).***

Ġustifikazzjoni

Ir-regolarizzazzjoni m'hix għajr miżura temporanja li tittieħed b'reazzjoni għal sitwazzjonijiet urġenti li jinħolqu minn politiki nazzjonali għall-immigrazzjoni. Mhix soluzjoni tajba fil-perspettiva twila għal problemi akbar bħalma huma politiki għall-immigrazzjoni meħudin minn approċċ Ewropew. Din iż-żieda hija għalhekk ġustifikata mill-ħtieġa li jiġi ppreċiżat u biex jissaħħaħ il-qafas ta' l-istrateġija attwali ta' l-Istati Membri għall-kwistjoni ta' l-immigrazzjoni.

Emenda 4
Premessa 5

(5) Bħala prinċipju ġenerali, għandha tkun applikata proċedura armonizzata f'żewġ passi, li tkun tinkludi deċiżjoni tar-ritorn bħala l-ewwel pass u, - fejn meħtieġ, - li tinħareġ ordni ta' tkeċċija bħala t-tieni pass. Madankollu, biex kemm jista' jkun jitnaqqas id-dewmien fil-proċedura, l-Istati Membri għandhom jitħallew li joħorġu sew deċiżjoni tar-ritorn kif ukoll ordni ta' tkeċċija permezz ***ta' att wieħed jew deċiżjoni waħda.***	(5) Bħala prinċipju ġenerali, għandha tkun applikata proċedura armonizzata f'żewġ passi, li tkun tinkludi deċiżjoni tar-ritorn bħala l-ewwel pass u, - fejn meħtieġ, - li tinħareġ ordni ta' tkeċċija bħala t-tieni pass. Madankollu, biex kemm jista' jkun jitnaqqas id-dewmien fil-proċedura, l-Istati Membri għandhom jitħallew li joħorġu ***flimkien*** sew deċiżjoni tar-ritorn kif ukoll ordni ta' tkeċċija ***imma*** permezz ***ta' żewġ atti jew deċiżjonijiet distinti, hekk li l-infurzar ta' l-att jew tad-deċiżjoni ta' tkeċċija jkunu suġġetti għal sospensjoni sakemm jiskadi l-perjodu taż-żmien biex ikun hemm ritorn***

volontarja.

Ġustifikazzjoni

Allavolja li għal raġunijiet prattiċi wieħed jifhem li l-att/deċiżjoni ta' tkeċċija għandhom jittieħdu flimkien ma' l-att/deċiżjoni għar-ritorn, huwa ta' importanza fundamentali li wieħed jinsisti fuq id-differenza bejniethom u dwar in-natura sekondarja tat-tkeċċija vis à vis ir-ritorn volontarju. Meżż faċli u prattiku biex tintwera din id-distinzjoni huwa li jkun hemm, talanqas formalment, żewġ atti/deċiżjonijiet li wieħed/waħda minnhom ikun/tkun suġġetta għal sospensjoni - għal tul l-iskadenza tal-perjodu għal ritorn volontarju.

Emenda 5
Premessa 6

(6) ***Fejn ma jkun hemm l-ebda raġuni għal xiex wieħed għandu jaħseb li dan ikun se jimmina l-iskop tal-proċedura tar-ritorn,*** *għandu jkun ippreferut ir-ritorn voluntarju aktar milli ritorn bil-forza, u għandu jingħata żmien għat-tluq volontarju.*	(6) ***(taħsira)*** Għandu jkun ippreferut ir-ritorn voluntarju aktar milli ritorn bil-forza, u għandu jingħata żmien għat-tluq volontarju.

Ġustifikazzjoni

L-ewwel parti tal-premessa hija vaga wisq u huwa importanti li wieħed jinsisti li r-ritorn volontarju filfatt għandu jingħata prijorità.

Emenda 6
Premessa 10

(10) L-effetti li jiġu minn miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn għandhom jingħataw dimensjoni Ewropea ***billi tiġi stabbilita projbizzjoni ta' dħul mill-ġdid li tkun tgħodd fit-territorju ta' l-Istati Membri kollha.***	(10) L-effetti li jiġu minn miżuri nazzjonali dwar ir-ritorn għandhom jingħataw dimensjoni Ewropea.
It-tul tal-validità tal-projbizzjoni ta' dħul mill-ġdid għandu jkun determinat billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi relevanti kollha ta' kull każ individwali u b'mod normali m'għandux ikun itwal minn 5 snin. F'każi ta' theddida serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika, l-Istati Membri ***għandhom jitħallew*** jimponu projbizzjoni ta' dħul ***mill-gdid itwal.***	F'każi ta' theddida serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika, l-Istati Membri ***jkunu jistgħu*** jimponu projbizzjoni ta' dħul.

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni ta' ripatriazzjoni, sussidjarjament ta' tkeċċija, tikkostitwixxi kastig biżżejjed għar-reżidenza illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ħlief f'każi eċċezzjonali, jidher li jkun sproporzjonat li tiżdied projbizzjoni għal dħul mill-ġdid.

Emenda 7
Premessa 11

(11) L-użu tal-kustodja temporanja għandu jkun limitat u marbut mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-kustodja temporanja għandha tintuża biss jekk ikun hemm il-ħtieġa, biex jitnaqqas ir-riskju li jkun hemm min *jinħeba* u f'dawk il-każi fejn l-użu ta' miżuri li jkunu jinħtieġu anqas forza ma jkunx biżżejjed.	(11) L-użu tal-kustodja temporanja għandu jkun limitat u marbut mal-prinċipju tal-proporzjonalità.. Il-kustodja temporanja għandha tintuża biss jekk ikun hemm il-ħtieġa, biex jitnaqqas ir-riskju ***serju*** li jkun hemm min *jaħrab* u f'dawk il-każi fejn l-użu ta' miżuri li jkunu jinħtieġu anqas forza ma jkunx biżżejjed

Emenda 8
Premessa 15

(15) L-Istati Membri għandhom ikollhom aċċess ta' malajr għall-informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn, ordnijiet ta' tkeċċija u projbizzjonijiet ta' dħul mill-ġdid maħruġa minn Stati Membri oħra. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jsir skond [Deċiżjoni/Regolament ... dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-użu tat-Tieni Ġenerazzjon tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)]	(15) L-Istati Membri għandhom ikollhom aċċess ta' malajr għall-informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' ritorn, ordnijiet ta' tkeċċija u projbizzjonijiet ta' dħul mill-ġdid maħruġa minn Stati Membri oħra. Dan l-iskambju ta' informazzjoni, ***b'rispett għall-ħarsien sħiħ tal-ħajja privata u d-dejta personali,*** għandu jsir skond [Deċiżjoni/Regolament ... dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-użu tat-Tieni Ġenerazzjon tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)] ***L-aċċess u l-użu ta' din l-informazzjoni ikunu suġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità ġudizzjarja u jkun limitat għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.***

Emenda 9Premessa 17

(17) L-Istati Membri għandhom iwettqu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetici, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija ta' xi minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew	(17) L-Istati Membri għandhom iwettqu d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, fatturi ġenetici, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħrajn, sħubija ta' xi minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali, ***b'rispett sħiħ tal-***

orjentazzjoni sesswali.	***konvenzjonijiet internazzjonali u waqt li jiġi evitat kull trattament inuman u degradanti, u billi jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċità u l-ħtiġijiet ta' kull individwu.***

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li din id-Direttiva tkun aktar ċara dwar dak li jirrigwarda l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

Emenda 10
Premessa 18

(18) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-1989, "l-aħjar interessi tat-tfal" għandhom ikunu kunsiderazzjoni ewlenija għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva. F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-rispett għall-ħajja tal-familja għandu jkun kunsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva.	(18) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-1989, "l-aħjar interessi tat-tfal" għandhom ikunu kunsiderazzjoni ewlenija għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttivajimplimentaw din id-Direttiva. ***Għalhekk, fl-Unjoni Ewropea jew f'postijiet finanzjati mill-Unjoni Ewropea u/jew fi kwalunke Stat Membru, il-minorenni m'għandhom qatt jinżammu f'ċentri ta' kustodja jew f'kundizzjoniiet fejn il-libertà tagħhom tkun imxekkla.*** F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ir-rispett għall-ħajja tal-familja għandu jkun kunsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva.

Emenda 11
Premessa 19

(19) Din id-Direttiva għandha tkun applikata mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra li għandha x'taqsam ma' l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju, 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar, 1967.	(19) Din id-Direttiva għandha tkun applikata mingħajr preġudizzju għall-obbligi li joħorġu mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra li għandha x'taqsam ma' l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju, 1951, kif emendata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar, 1967. ***Hija għalhekk ipprojbita kull għamla ta' kustodja koersiva ta' refuġjati, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom dritt għal protezzjoni umanitarja u ta' dawk li***

jitolbu ażil.

Ġustifikazzjoni

Din l-ispeċifikazzjoni hija applikabbli skond id-dispożizzjoni internazzjonali attwali

Emenda 12Premessa 20 a (ġdida)

(20a) Din id-Diretiiva għandha l-iskop li tiddefinixxi politika għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu f'pajjiż illegalment li tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u fuq il-qsim tar-risponsabbiltajiet mal-pajjiżi ta' oriġini.

Emenda 13
Artikolu 2, paragrafu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri	1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kundizzjonijiet tad-dħul kif imfissra fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen,
(a) li ma jissodisfawx ***jew li m'għadhomx jissodisfaw*** il-kundizzjonijiet tad-dħul kif imfissra fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, ***jew***	
(b) ***li b'xi mod ikunu qed joqogħdu b'mod illegali fit-territorju ta' Stat Membru.***	

Ġustifikazzjoni

Għall-iskopijiet ta' l-istandards komuni f'dak li jirrigwarda l-politiki għar-ritorn, jeħtieġ li jidħlu dispożizzjonijiet speċifiċi għal dawk li jidħlu għall-ewwel darba fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u għal dawk li xi wieħed mill-Istati Membri fl-imgħoddi tahom viża jew xi għamla simili ta' protezzjoni umanitarja. Jeħtieg li għal dan il-għan tiġi prevista direttiva speċifika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li fl-imgħoddi jkunu bbenefikaw minn viża jew xi għamla simili ta' protezzjoni umanitarja.

Emenda 14
Artikolu 2, paragrafu 2

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu biex ma japplikawx din id-Direttiva lil ċittadini	***imħassar***

ta' pajjiżi terzi li ma jkunu tħallew jidħlu f'żona ta' tranżitu ta' Stat Membru. Madankollu għandhom jaraw li t-trattament u l-livell ta' protezzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bħal dawn ma jkunx anqas favorevoli minn dak stipulat fl-Artikoli 8, 10, 13 u 15.

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal ċittadin ta' pajjiżi terz ukoll jekk dan ma jkunux daħal f'żona ta' tranżitu għaliex ikun jaqbel li jiġi evitat kull periklu ta' refoulement.

Emenda 15
Artikolu 2, paragrafu 3, punt aa (ġdid)

a a) li jkunu bdew proċeduri għar-regolarizzazzjoni.

Ġustifikazzjoni

Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet partikulari li jirrigwardaw din il-kategorija, din għandha tiġi eskluża mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 16
Artikolu 2, paragrafu 3, punt b b (ġdid)

b b) li huma minorenni

Ġustifikazzjoni

Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet partikulari li jirrigwardaw din il-kategorija, din għandha tiġi eskluża mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 17
Artikolu 2, paragrafu 3, punt b) c (ġdid)

b c) li għalkemm laħqu l-età ta' maġġorenni jkunu jridu jtawlu l-perjodu ta' reżidenza fir-territorju ta' Stat Membru għal raġunijiet ta' studju.

Ġustifikazzjoni

Meta jitqiesu l-kundizzjonijiet partikulari li jirrigwardaw din il-kategorija, din għandha tiġi eskluża mill-ambitu ta' din id-Direttiva.

Emenda 18
Artikolu 3, punt c)

c) ‘ritorn’ : ‘ritorn’ tfisser il-proċess li wieħed imur lura lejn il-pajjiż minn fejn joriġina, ***jew minfejn ikun għadda, jew pajjiż terz ieħor, sew jekk b’mod volontarju kif ukoll bil-forza;***	c) ‘ritorn’ : ‘ritorn’ tfisser il-proċess li wieħed imur lura ***biss*** lejn il-pajjiż minn fejn joriġina;

Ġustifikazzjoni

Kif jixhdu sorsi awtorevoli f'dan il-qasam, teknikament it-tifsira ta' ritorn tkopri biss ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini. Kull tgħawwiġ ta' din it-tifsira ma jkunx konformi mad-definizzjoni oriġinali ta' "ritorn".

Emenda 19
Artikolu 3, paragrafu f a (ġdid)

	f a) "riskju serju ta' ħarba" : "riskju serju ta' ħarba" tfisser li jkun hemm raġunijiet serji, li jiġu definiti b'mod individwali u oġġettiv u kif evalwati mill-qrati li jkunu jistgħu jistabbilixu li jkun hemm probabiltà kbira ħafna li xiħadd li jista' jingħata deċiżjoni ta' ritorn ikun jista' jaħrab;

Ġustifikazzjoni

Ir-riskju ta' ħarba ma jistax jiġi kkalkulat biss mill-fatt li ċittadin ta' pajjiż terz ikun qiegħed fi Stat Membru illegalment. L-Istat Membru irid juri - bl-appoġġ ta' provi serji - li jeżisti riskju serju ta' ħarba.

Emenda 20
Artikolu 5

Relazzjonijiet familjari **u l-aħjar interessi tat-tfal** Meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu f’kunsiderazzjoni t-tip u s-saħħa tar-relazzjonijiet familjari taċ-ċittadin tal-pajjiż terz, kemm ikun ilu fl-Istat Membru u jekk għandux xi rabtiet familjari, kulturali u soċjali mal-pajjiż minn fejn joriġina. *Għandhom ukoll jieħdu f’kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-*	***Rabtiet soċjali u familjari*** u l-aħjar interessi tat-tfal Meta jkunu qed jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu f’kunsiderazzjoni t-tip u s-saħħa tar-relazzjonijiet familjari taċ-ċittadin tal-pajjiż terz, ***ir-rabtiet tiegħu mal-pajjiż ospitanti, il-proċeduri eventwali għar-regolarizzazzjoni tal-qagħda tiegħu,*** kemm ikun ilu fl-Istat Membru u jekk għandux xi rabtiet familjari, kulturali u soċjali mal-pajjiż minn fejn joriġina. Għandhom ukoll jieħdu

Tfal, ta' l-1989.	f'kunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal skond il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, ta' l-1989. ***Familji li jkollhom magħhom minorenni (wieħed jew aktar) bħala prinċipju m'għandhomx jitqiegħdu f'kustodja temporanja u għandha tingħata prijorità għal miżuri alternattivi għad-kustodja temporanja.***

Emenda 21
Artikolu 6 paragrafu 1

1. L-Istati Membri ***għandhom joħorġu*** deċiżjoni tar-ritorn għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom.	1. L-Istati Membri ***jistgħu joħorġu*** deċiżjoni ***individwali*** tar-ritorn għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom, ***ħlief fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjati.***

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tibqa' bħala għażla għall-Istati Membri; din għandha tipprevedi perjodu għar-ritorn ta' talanqas sitt xhur: l-għoti ta' prijorità għar-ritorn volontarju jippermetti wkoll il-possibilità ta' tfassil ta' pjan għar-ritorn. L-interess imperattiv tat-tfal għandu jwassal biex ikun hemm projbizzjoni ta' tkeċċija ta' minorenni li ma jkunux akkumpanjati.

Emenda 22
Artikolu 6, paragrafu 2

2. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tagħti perjodu xieraq ta' ***massimu ta' erba'*** ġimgħat biex l-individwu jitlaq minn jeddu, ***sakemm ma jkunx hemm raġunijiet li jagħtu x'wieħed x'jifhem li l-persuna tista' tinħeba tul dan il-perjodu.*** Ċerti obbligi maħsuba biex *l-individwu ma jinħebiex,* bħal ma huma li wieħed ikollu jirrapporta lill-awtoritajiet b'mod regolari, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, *is-sottomissjoni ta' dokumenti jew* l-obbligu li wieħed jibqa' f'ċertu post, jistgħu ikunu imposti tul dak il-perjodu.	2. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tagħti perjodu ***minimu*** xieraq ***ta' sitt*** ġimgħat biex l-individwu jitlaq minn jeddu, Ċerti obbligi maħsuba *biex jiġi evitat riskju* ***serju*** *ta' ħarba*, bħalma huma li wieħed ikollu jirrapporta lill-awtoritajiet b'mod regolari, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, obbligu li wieħed jibqa' f'ċertu post, jistgħu ikunu imposti tul dak il-perjodu.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 21.

Emenda 23
Artikolu 6, paragrafu 3

3. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ *bħala att separat jew deċiżjoni*, ***jew flimkien ma'*** ordni tat-tkeċċija.	3. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ *bħala att jew deċiżjoni separati* ***mill*** ordni tat-tkeċċija. ***Id-deċiżjoni tat-tkeċċija, minkejja li jkollha forma distinta, tista' tingħata fl-istess ħin mad-deċiżjoni tar-ritorn, iżda tkun valida biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 7(1). L-annulament tad-deċiżjoni tar-ritorn iġib miegħu l-annulament awtomatiku tad-deċiżjoni tat-tkeċċija.***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 21.

Emenda 24
Article 6, paragraphe 4

4. Meta l-Istati Membri jkunu suġġetti għal obbligi li joħorġu mid-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari kif imfissra fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bħal ma hu d-dritt tan-non-refoulment, id-dritt għall-edukazzjoni u d-dritt għall-għaqda tal-familja, m'għandha tinħareġ l-ebda deċiżjoni tar-ritorn. Meta tkun diġà nħarġet deċiżjoni tar-ritorn, din għandha titħassar. Meta tkun digà nħarġet deċiżjoni tar-ritorn, din għandha titħassar.	4. Meta l-Istati Membri jkunu suġġetti għal obbligi li joħorġu mid-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari tal-***Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-istejtus ta' rifuġjat, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-tortura, tal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal,*** tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, bħal ma huma d-dritt tan-non-refoulment, id-dritt għall-edukazzjoni u d-dritt għall-għaqda tal-familja, m'għandha tinħareġ l-ebda deċiżjoni tar-ritorn. Meta tkun diġà nħarġet deċiżjoni tar-ritorn, din għandha titħassar. Meta tkun diġà nħarġet decizjoni tar-ritorn, din għandha titħassar.

Ġustifikazzjoni

Biex jiġu żgurtat li r-referenzi kollha meħtieġa jkunu inklużi.

Emenda 25
Artikolu 6, paragrafu 5

5. L-Istati Membri jistgħu, f'kull ħin, jiddeċiedu li joħorġu permess ta' reżidenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li tkun toffri d-dritt ta' reżidenza għal raġunijiet *ta' kumpassjoni,* umanitarji jew oħrajn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ m'għandha tinħareġ l-ebda deċiżjoni ta' ritorn, jew fejn tkun inħarġet deċiżjoni ta' ritorn, din għandha titħassar.	5. L-Istati Membri f'kull ħin jistgħu jiddeċiedu li joħorġu permess ta' reżidenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li tkun toffri d-dritt ta' reżidenza għal raġunijiet umanitarji jew *għal raġunijiet* oħrajn lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom, ***bl-inklużjożjoni fil-politika għall-immigrazzjoni tagħhom livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.*** F'dan il-każ m'għandha tinħareġ l-ebda deċiżjoni ta' ritorn, jew fejn tkun inħarġet deċiżjoni ta' ritorn, din għandha titħassar.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb jiggarantixxu lill-immigranti illegali s-saħħa u l-aċċess għall-kura billi jżidu mal-politika għall-immigrazzjoni tagħhom il-miżuri ekonomiċi neċessarji għal dan il-għan. Ġeneralment l-immigranti illegali li jidħlu u joqogħdu fl-Istati Membri jgħaddu minn kundizzjonijiet miżerabbli ta' ħajja bil-konsegwenzi li dan jimplika għas-saħħa tagħhom.

Emenda 26
Artikolu 6, paragrafu 6

6. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkollu permess ta' reżidenza validu maħruġ minn Stat Membru ieħor, l-ewwel Stat Membru m'għandux joħroġ deċiżjoni ta' ritorn meta dik il-persuna minn jeddha tmur lura lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' reżidenza.	6. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkollu permess ta' reżidenza validu maħruġ minn Stat Membru ieħor, l-ewwel Stat Membru m'għandux joħroġ deċiżjoni ta' ritorn meta dik il-persuna minn jeddha tmur lura lejn it-territorju ta' dak l-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' reżidenza. ***Din hija dispożizzjoni temporanja sakemm jidħlu l-miżuri kollha ta' għarfien reċiproku ta' viżi Ewropej.***

Ġustifikazzjoni

Qabel ma tadotta politika Ewropea għar-ritorn, l-Unjoni Ewropea għandha tipprovdi lilha nfisha qafas leġiżlattiv biex jirregola s-sistemi għad-dħul legali fit-territorju Ewropew

Emenda 27
Artikolu 6, paragrafu 8

8. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed	8. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed

illegalment fit-territorju tiegħu jkun suġġett għal proċedura pendenti biex jinħariġlu l-permess ta' reżidenza jew xi permess ieħor li jtih id-dritt ta' reżidenza, dak l-Istat Membru ***jista' ma joħroġx*** deċiżjoni tar-ritorn sakemm ma tkunx intemmet il-proċedura.	illegalment fit-territorju tiegħu jkun suġġett għal proċedura pendenti biex jinħariġlu l-permess ta' reżidenza jew xi permess ieħor li jtih id-dritt ta' reżidenza, dak l-Istat ***għandu jżomm lura milli*** joħroġ deċiżjoni tar-ritorn sakemm ma tkunx intemmet il-proċedura.

Emenda 28
Artikolu 6, paragrafu 8 a (ġdid)

	8 a Fin-notifika tad-deċiżjoni ta' ritorn, l-Istati Membri huwa mistiedna biex jipproponu informazzjoni u miżuri ta' akkumpanjament biex jgħinu fl-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lura fil-pajjiż ta'oriġini tagħhom u fil-kontribut għal iżvilupp ta' dan il-pajjiż.

Emenda 29
Artikolu 7 paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom joħorġu ordni ta' tkeċċija dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkun suġġett għal deċiżjoni tar-ritorn ***jekk ikun hemm riskju li dan jinħeba*** jew jekk l-obbligu biex jirritorna m*a tkunx ġiet segwita* fi żmien il-perjodu li fih seta' jitlaq b'mod volontarju u li jkun ingħata skond l-Artikolu 6(2).	1. L-Istati Membri għandhom joħorġu ordni ta' tkeċċija ***individwali*** dwar ċittadin ta' pajjiż terz li jkun suġġett għal deċiżjoni tar-ritorn jekk ikun hemm riskju li dan jinħeba jew jekk l-obbligu biex jirritorna ma *jkunx ġie segwit* fi żmien il-perjodu li fih seta' jitlaq b'mod volontarju u li jkun ingħata skond l-Artikolu 6(2), ***jew jekk ikun hemm riskju serju li jista' jaħrab.***

Emenda 30
Artikolu 7, paragrafu 2

2. L-ordni ta' tkeċċija għandha tispeċifika f'kemm żmien it-tkeċċija tkun se tiġi fil-fatt infurzata u l-pajjiż tar-ritorn.	2. L-ordni ta' tkeċċija għandha tispeċifika f'kemm żmien it-tkeċċija tkun se tiġi fil-fatt infurzata u l-pajjiż tar-ritorn, ***li għandu jkun il-pajjiż ta' oriġini taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.***

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom imorru lura fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom, u mhux fi kwalunkwe pajjiż. Jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jintbagħtu f'xi pajjiż viċin il-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea, il-probabilità li jerġa' jidħol illegalment fl-Unjoni hija kbira u f'dan il-każ il-miżuri komunitarji ma jirriżultawx effettivi.

Emenda 31
Artikolu 7, paragrafu 3

3. L-ordni ta’ tkeċċija għandha tinħareġ bħala att separat jew deċiżjoni ***jew flimkien ma’*** ordni tat-tkeċċija.	3. Id-deċiżjoni tar-ritorn għandha tinħareġ bħala att jew deċiżjoni separati ***mill-***ordni tat-tkeċċija. ***Id-deċiżjoni tat-tkeċċija, minkejja li jkollha forma distinta, tista' tingħata fl-istess ħin mad-deċiżjoni tar-ritorn, iżda tkun valida biss jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafu 1.***

Emenda 32
Artikolu 8, Titolu u paragrafu 1

Rapport	Posponiment ***jew annullament***
1. L-Istati Membri *għandhom* jipposponu l-infurzar ta’ deċiżjoni tar-ritorn għal tul ta’ żmien xieraq, b’kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali.	1. L-Istati Membri *jistgħu* jipposponu l-infurzar ta’ deċiżjoni tar-ritorn għal tul ta’ żmien xieraq, b’kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali ***jew jannullaw id-deċiżjoni tar-ritorn. F'każ ta' posponiment jew annullament l-Istat Membru għandu jieħu ħsieb li ċittadin ta' pajjiż terz ikollu kundizzjonijiet ta' reżidenza xierqa.***

Ġustifikazzjoni

Ir-ritorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz m'għandux isir jekk dan ikun ta' periklu għalih jew jekk ikun impossibli li jkun hemm pjan għar-ritorn. Minorenni mhux akkumpanjati m'għandhomx jiġu espulsi.

Emenda 33
Artikolu 8, paragrafu 2, introduzzjoni

2. L-Istati Membri għandhom jipposponu l-eżekuzzjoni ta’ l-ordni tat-tkeċċija fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, sakemm dawn jibqgħu fis-seħħ:	2. L-Istati Membri għandhom jipposponu l-esekuzzjoni ***jew jannullaw*** l-ordni tat-tkeċċija fiċ-ċirkostanzi li ġejjin, sakemm dawn jibqgħu fis-seħħ:

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 32.

Emenda 34
Artikolu 8, paragrafu 2, punt - a) (ġdid)

-a) sitwazzjoni ta' periklu fiżiku jew mentali għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz jekk jintbagħat lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu;

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 32.

Emenda 35
Artikolu 8, paragrafu 2, punt c)

(c) ma jkunx hemm assikurazzjoni li minuri li jkun waħedhom ikunu jistgħu, fil-mument tat-tluq jew tal-wasla, jingħaddu lil xi membru tal-familja tagħhom jew xi ħadd li jirrappreżentah, jew persuna b'responsabbiltà ta' ġenitur jew uffiċjal kompetenti tal-pajjiż tar-ritorn, wara li jkunu evalwati l-kundizzjonijiet li fihom il-minuri se jkun/tkun ritornat/a.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 32.

Emenda 36
Artikolu 8, paragrafu 2, punt c a) (ġdid)

c a) ikun hemm raġunijiet serji li jindikaw li tkeċċija tista' twassal għal espulsjoni kollettiva, bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Protokoll nru. 4 tal-konvenzjoni għad-drittijiet tal-bniedem li tipprojbixxi l-espulsjonijiet kollettivi.

Emenda 37
Artikolu 8, paragrafu 3

3. Jekk l-infurzar ta’ deċiżjoni tar-ritorn jew l-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ tkeċċija tkun posposta hekk kif provdut fil-paragrafi 1 u 2, jistgħu ikunu imposti ċerti obbligi fuq iċ-ċittadin involut tal-pajjiż terz, bil-ħsieb li jitwarrab ***(kull)*** *ir*-riskju li l-individwu *jinħeba*, bħal ma hu r-rappurtar regolari għand l-awtoritajiet, id-depożitu ta’ garanzija finanzjarja, *is-sottomissjoni ta’ dokumenti* jew l-obbligu li wieħed jibqa’ f’post partikolari.	3. Jekk l-infurzar ta’ deċiżjoni tar-ritorn jew l-eżekuzzjoni ta’ ordni ta’ tkeċċija tkun posposta hekk kif provdut fil-paragrafi 1 u 2, jistgħu ikunu imposti ċerti obbligi fuq iċ-ċittadin involut tal-pajjiz terz, bil-ħsieb li jitwarrab riskju ***serju*** li l-individwu *jaħrab*, bħalma hu r-rappurtar regolari għand l-awtoritajiet, id-depożitu ta’ garanzija finanzjarja jew l-obbligu li wieħed jibqa’ f’post partikolari.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 32.

Emenda 38
Artikolu 9 paragrafu 1

1**.** L-ordnijiet ta’ tkeċċija ***għandhom ikollhom magħhom*** projbizzjoni ta’ dħul mill-ġdid ta’ mhux aktar minn 5 snin. om projbizzjoni ta’ dhul mill-gdid ta’ mhux aktar minn ***5 snin***. ***Deċizjonijiet tar-ritorn jistgħu jinkludu projbizzjoni ta’ dħul mill-ġdid bħal din.***	1. ***F'każ ta' theddida serja għall-ordni pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu iżidu ma'*** l-ordnijiet ta’ tkeċċija projbizzjoni ta’ dħul mill-ġdid ta’ mhux aktar minn ***sitt xhur.***

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni ta' ripatriazzjoni, u sussidjarjament ta' tkeċċija, tikkostitwixxi kastig biżżejjed għar-reżidenza illegali taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Ħlief f'każi eċċezzjonali, jidher li jkun sproporzjonat li tiżdied projbizzjoni għal dħul mill-ġdid.

Emenda 39
L-Artikolu 9 (2), punt c)

(c) ikun daħal fl-Istati Membru tul il-perjodu ta’ projbizzjoni ta’ dħul mill-ġdid;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 40
Artikolu 9, paragrafu 2, punt (d)

(d) ikun ta' theddida għall-politika pubblika u s-sigurtà pubblika.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 41
Artikolu 9, paragrafu 2, l-aħħar inċiż

Il-projbizzjoni tad-dħul mill-ġdid tista' tinħareġ għal perjodu itwal minn ta' 5 snin meta ċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-politika pubblika jew is-sigurtà pubblika.	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 42
Artikolu 9, paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Il-projbizzjonijiet għad-dħul mill-ġdid jistgħu jiġu appellati u jistgħu jerġgħu jiġu eżaminati fuq talba tal-persuna konċernata.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 43
Artikolu 9, paragrafu 3

3. Il-projbizzjoni tad-dħul mill-ġdid ***tista' tigi*** rtirata ***b'mod partikolari*** f'dawk il-każijiet li fihom iċ-ċittadin konċernat tal-pajjiż terz (a):	***3. Il-projbizzjoni tad-dħul mill-ġdid tiġi annullata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jikkostitwixxix aktar theddida serja għall-ordni pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali ta' pajjiż terz.. Dan l-annullament jeffettwa lill-Istati Membri kollha.***

a) ikun suġġett ta' deċiżjoni tar-ritorn jew ordni tat-tkeċċija għall-ewwel darba; (b)

b) ikun irrapporta lura fl'uffiċċju konsulari ta' Stat Membru;

(c) ikun ħallas lura l-ispejjeż kollha tal-proċedura tar-ritorn ta' qabel.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 44
Artikolu 9, paragrafu 4

4. Il-projbizzjoni tad-dħul mill-ġdid tista' tiġi sospiża fuq bażi eċċezzjonali u temporanja f'każijiet individwali xierqa. ***imħassar***

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 38.

Emenda 45
Artikolu 9, paragrafu 5

5. Il-paragrafi 1 u ***4*** jgħoddu mingħajr preġudizzju għad-dritt li wieħed ifittex kenn f'wieħed mill-Istati Membri.	***4.*** Il-paragrafi 1 u ***3*** jgħoddu mingħajr preġudizzju għad-dritt li wieħed ifittex kenn f'wieħed mill-Istati Membri.

Emenda 46
Artikolu 10, paragrafu 1a (ġdid)

1 a. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li l-NGOs ikunu preżenti waqt il-proċedura tar-ritorn, b'mod partikulari waqt l-operazzjoni ta' tkeċċija.

Emenda 47
Artikolu 10, paragrafu 2

2. Meta jkunu qed iwettqu tkeċċija, l-Istati Membri għandhom jiehdu f'kunsiderazzjoni l-Linji-Gwida komuni dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà għat-tkeċċija kongunta bl-ajru,	2. Meta jkunu qed iwettqu tkeċċija, l-Istati Membri għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-Linji Gwida komuni dwar dispożizzjonijiet ta' sigurtà għat-tkeċċija konġunta bl-ajru,

mehmuża mad-Deċiżjoni 2004/573/KE.	mehmuża mad-Deċizjoni 2004/573/KE ***u jirrifjutaw l'użu ta' tkeċċijiet kolletivi u proċeduri għal tkeċċijiet li huma individwali fit-teorija imma li jiġu implimentati b'mezzi kollettivi.***.

Ġustifikazzjoni

Din il-formulazzjoni tidher li taqbel aktar ma' l-iskopijiet tad-Direttiva

Emenda 48
Artikolu 10, paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Fil-każ ta' ritorn, sabiex tiġi garantita u kontrollata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuna mibgħuta lura fil-pajjiż ta' oriġini, il-Kummissjon għandha, bi ftehim ta' koperazzjoni ma' kull pajjiż terz, tfassal pjan ta' azzjoni ad hoc li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuna mibgħuta lura f'pajjiżha.

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura sservi biex issaħħaħ il-politika għar-ritorn ta' l-Unjoni Ewropea.

Emenda 49
Artikolu 11, paragrafu 1, subparagrafu 2

L-Istati Membri għandhom jaraw li r-raġunijiet skond il-fatti u skond il-liġi *jkunu* dikjarati fid-deċiżjoni u/jew l-ordni u li ċ-ċittadin koncernat tal-pajjiż terz ikun infurmat bil-miktub dwar ir-rimedji legali disponibbli.	L-Istati Membri għandhom jaraw li r-raġunijiet skond il-fatti u skond il-liġi *jkunu* dikjarati fid-deċiżjoni u/jew l-ordni u li ċ-ċittadin konċernat tal-pajjiż terz ikun infurmat bil-miktub ***kmieni kemm jista' jkun*** dwar ir-rimedji legali disponibbli.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti għal persuna konċernata li tirċievi malajr informazzjoni aċċessibbli u ta' min jorbot fuqha sabiex tuża ż-żmien mogħti lilha biex tirregola ruħha.

Emenda 50
Artikolu 11, paragrafu 2

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu, meta hekk mitluba, traduzzjoni miktuba ***jew bil-fomm tal-punti prinċipali*** tad-deċizjoni tar-	2. L-Istati Membri għandhom jagħtu traduzzjoni miktuba tad-deċiżjoni tar-ritorn jew ta' l-ordni tat-tkeċċija f'lingwa ***li l-***

ritorn u/jew ta’ l-ordni tat-tkeċċija f’lingwa ***li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikun raġjonevolment mistenni*** li jifhem.	***persuna konċernata*** tifhem.

Ġustifikazzjoni

Id-dritt effettiv ta' aċċess għall-ġustizzja jimplika li wieħed jifhem id-deċiżjonijiet li jittieħdu.

Emenda 51
Artikolu 12 paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***ċ-ċittadin*** konċernat tal-pajjiż terz ***ikollu*** d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv quddiem qorti jew tribunal biex jappella kontra, jew biex jitlob reviżjoni ta’ deċizjoni ta’ ritorn u/jew ordni ta’ tkeċċija.	1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ***ċ-ċittadini kollha*** konċernati tal-pajjiż terz ***ikollhom*** d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv quddiem qorti jew tribunal biex ***jappellaw*** kontra, jew biex ***jitolbu*** reviżjoni ta’ deċizjoni ta’ ritorn u/jew ordni ta’ tkeċċija.

Ġustifikazzjoni

Titjib fit-test.

Emenda 52
Artikolu 12, paragrafu 2

2. Ir-rimedju ġudizzjarju għandu jkollu ***jew*** effett ta' sospensjoni ***jew jinkludi d-dritt taċ-ċittadin tal-pajjiż terz biex jitlob għal sospensjoni ta’ l-infurzar ta’ deċiżjoni tar-ritorn jew ta’ l-ordni tat-tkeċċija, f’liema każ id-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni tat-tkeċċija tkun posposta sakemm tkun ikkonfermata jew ma tkunx għadha suġġetta għal rimedju li jkollu effetti ta’ sospensjoni.***	2. Ir-rimedju ġudizzjarju għandu jkollu effett ta' sospensjoni.

Emenda 53
Article 12, paragraphe 3

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat ikollu l-possibbiltà li jirċievi pariri, rappreżentazzjoni legali u, fejn ikun meħtieġ, għajnuna lingwistika. Għajnuna	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat ikollu l-possibbiltà li jirċievi pariri, rappreżentazzjoni legali u, fejn ikun meħtieġ, għajnuna lingwistika. Għajnuna

legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, ***fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija neċessarja*** sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.	legali għandha tingħata lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja.

Emenda 54
Artikolu 14, paragrafu 1

1. Fejn ikun hemm raġunijiet serji li jagħtu x'wieħed x'jifhem li jkun hemm riskju li individwu *jinħeba* u fejn ma jkunx biżżejjed li jkunu applikati miżuri li jirrekjedu anqas forza, *bħal ma* huma li wieħed jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, l-għoti ta' dokumenti, obbligu li wieħed joqgħod f'post jew miżuri oħra biex *jitwarrab* dak ir-riskju, l-Istati Membri għandhom iżommu f'kustodja temporanja liċ-ċittadin tal-pajjiż terz, li jkun suġġett ta' ordni ta' tkeċċija ***jew deċiżjoni tar-ritorn.***	1. Fejn ikun hemm raġunijiet serji li jagħtu wieħed x'jifhem li jkun hemm riskju ***serju*** li individwu *jaħrab* u fejn ma jkunx biżżejjed li jkunu applikati miżuri li jirrekjedu anqas forza, *bħalma* huma li wieħed jirrapporta b'mod regolari lill-awtoritajiet, id-depożitu ta' garanzija finanzjarja, l-għoti ta' dokumenti, obbligu li wieħed joqgħod f'post *partikolari* jew miżuri oħra biex *jiġi evitat* dak ir-riskju, l-Istati Membri għandhom iżommu f'kustodja temporanja liċ-ċittadin tal-pajjiż terz, li jkun suġġett ta' ordni ta' tkeċċija**.**

Ġustifikazzjoni

Riskju mhux serju ta' ħarba ma jiġġustifikax il-kustodja temporanju sabiex toħroġ ordni ta' tkeċċija. Irid jiġi enfasizzat li miżuri ta' kustodja temporanju għandhom ikunu l-eċċezzjoni, ibbażati fuq riskju serju ta' ħarba u jridu jiġu ġustifkati mill-qrati u m'għandhomx idumu aktar miż-żmien meħtieġ biex tiġi organizzata t-tkeċċija.

Emenda 55
Artikolu 14, paragrafu 1a (ġdid)

	Il-kustodja temporanja hija ġustifikata biss għal tul iż-żmien meħtieġ għall-preparazzjoni tar-ritorn fil-każ ta' riskju serju. Ma tibqax titqies ġustifikata jekk minkejja l-isforzi kollha oġġettivi li jsiru biex jinkisbu l-viżi meħtieġa, l-awtoritajiet tal-pajjiż ta' ritorn ma jirrispondux fil-perjodu mistenni.

Emenda 56
Artikolu 14, paragrafu 3

3. Il-kustodja temporanja tista' tiġi estiża mill-awtoritajiet ġudizzjarji għal perjodu ta' mhux aktar minn ***sitt*** xhur.	3. Il-kustodja temporanja tista' tiġi estiża mill-awtoritajiet ġudizzjarji għal perjodu ta' mhux aktar minn ***tliet*** xhur.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 54.

Emenda 57
Artikolu 15 paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'kustodja temporanja jkunu trattati b'mod uman u dinjituż fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u b'konformità mal-liġi internazzjonali u nazzjonali. ***Meta mitluba, dawn għandhom bla dewmien jitħallew jistabbilixxu*** kuntatt ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet non-governattivi u internazzjonali relevanti.	1. L-Istati Membri għandhom jaraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu miżmuma f'kustodja temporanja jkunu trattati b'mod uman u dinjituż fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom u b'konformità mal-liġi internazzjonali u nazzjonali. ***Barra minn hekk, dawn għandhom jitħallew bla dewmien*** jistabbilixxu kuntatt ma' rappreżentanti legali, membri tal-familja u awtoritajiet konsulari kompetenti, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet non-governattivi u internazzjonali relevanti.

Ġustifikazzjoni

Ċaħda lill-persuni miżmuma f'kustodja tad-dritt ta' komunikazzjoni ma' membri tal-familja tagħhom jew mad-difensuri legali tagħhom, hija meqjusa bħala ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Emenda 58
Artikolu 15, paragrafu 2

2. Il-kustodja temporanja għandha tkun f'faċilitajiet maħsuba apposta għal dan il-għan. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprovdi akkomodazzjoni f'faċilità apposta għall-kustodja temporanja u ***jkollu*** juża l-faċilitajiet tal-ħabs, ***għandu jara*** li ċ-ċittadini tal-pajjiż terz li jkunu qed jinżammu f'kustodja temporanja jkunu dejjem miżmuma fiżikament separati mill-priġunieri normali.	2. Il-kustodja temporanja għandha tkun f'faċilitajiet maħsuba apposta għal dan il-għan. Meta Stat Membru ma jkunx jista' jipprovdi akkomodazzjoni f'faċilità apposta għall-kustodja temporanja u ***jsib ruħu mġiegħel*** juża l-faċilitajiet tal-ħabs, ***għaliex ma jkunx hemm post fiċ-ċentri apposta għall-kustodja temporanja, għandu jiżgura*** li ċ-ċittadini tal-pajjiż terz li jkunu qed jinżammu f'kustodja temporanja jkunu dejjem miżmuma fiżikament separati mill-priġunieri normali, ***ukoll waqt il-ħin ta' rikreazzjoni.***

Emenda 59
Artikolu 15, paragrafu 2, subparagrafu 2

Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' persuni vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-minuri ma jinżammewx ***f'akkomodazzjoni komuni f'ħabs. Minuri li ma jkollhomx adulti magħhom għandhom jinżammu separati mill-adulti sakemm ma jkunx meqjus li jkun fl-aħjar interess tat-tifel/tifla li ma jsirx hekk.***	Għandha tingħata attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni ta' persuni vulnerabbli. L-Istati Membri għandhom jaraw li l-*minorenni* ma jinżammux f'kustodja temporanja, ***imma għandha tingħatalhom edukazzjoni u jitqiegħdu taħt il-kustodja ta' stabbilimenti relevanti bi strutturi xierqa għall-protezzjoni tat-tfal, b'rispett tar-rabtiet mal-familji tagħhom u fl-interess ewlieni tat-tifel/tifla. Minorenni li ma jkunux akkumpanjati m'għandhomx jinżammu f'kustodja.***

Ġustifikazzjoni

Tkun miżura sproporzjonata li minoreeni jinżammu f'kustodja temporanja

Emenda 60
Artikolu 15, paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jaraw li organizzazzjonijiet internazzjonali u non-governattivi jkollhom il-possibbiltà li jżuru l-facilitajiet tal-kustodja temporanja biex ikun evalwat kemm il-kundizzjonijiet tal-kustodja temporanja jkunu xierqa. Żjarat bħal dawn jistgħu ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni.	3. L-Istati Membri għandhom jaraw li organizzazzjonijiet internazzjonali u non-governattivi jkollhom il-possibbiltà li jżuru l-faċilitajiet tal-kustodja temporanja biex ikun evalwat kemm il-kundizzjonijiet tal-kustodja temporanja jkunu xierqa.

Ġustifikazzjoni

Voir l'amendement 59.

Emenda 61
Artikolu 16, punt (a)

(a) jagħraf id-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija maħruġa mill-ewwel Stat Membru u jwettaq it-tkeċċija, f'liema każ l-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lil xulxin għal xi żbilanċ finanzjarju li jista'	(a) jagħraf id-deċiżjoni tar-ritorn jew l-ordni ta' tkeċċija maħruġa mill-ewwel Stat Membru u jwettaq it-tkeċċija, f'liema każ l-Istati Membri għandhom jikkumpensaw lil xulxin għal xi żbilanċ finanzjarju li jista'

jkun hemm, bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE mutatis mutandis;	jkun hemm, bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE mutatis mutandis; ***f'dan il-każ, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun residenti illegalment jibbenefika mid-drittijiet previsti fl-Artikolu 12 ta' din id-Direttiva;***

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom f'kull ċikostanza jkollhom id-dritt għal rikors effettiv quddiem awtorità ġuridika kontra d-deċiżżjoni ta' ritorn (jew tkeċċija). Hekk ukoll Stat Membru ieħor irid jiggarantilhom l-aċċess għall-ġustizzja biex jikkontestaw id-deċiżjoni li tkun ittieħdet qabel mill-ewwel Stat Membru.

Emenda 62
Artikolu 16, punt c)

c) jibda' l-proċedura tar-ritorn skond il-legiżlazzjoni nazzjonali tiegħu	c) jibda' l-proċedura tar-ritorn skond il-legiżlazzjoni nazzjonali tiegħu ***u skond l-acquis komunitarju***

Ġustifikazzjoni

L-implimentazzjoni tal-proċedura għar-ritorn mit-tieni Stat Membru titlob l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat kif wkoll dawk ta' l-acquis komunitarju, bir-rispett tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Emenda 63
Artikolu 17

Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien tħejji rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-mod kif qed tkun applikata din id-Direttiva fl-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, tipproponi emendi.	Il-Kummissjoni għandha minn żmien għal żmien tħejji rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-mod kif qed tkun applikata din id-Direttiva fl-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, tipproponi emendi. ***L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jevalwaw l-impatt tal-politika għar-ritorn tagħhom fuq il-pajjiż ta' oriġini taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jiżguraw li din tkun kompatibbli ma' politika koerenti għall-iżvilupp u l-koperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u dawk ta' tranżitu.***
Il-Kummissjoni għandha tħejji l-ewwel rapport mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 18 (1).	Il-Kummissjoni għandha tħejji l-ewwel rapport mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 18 (1).

Ġustifikazzjoni

Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandu jkollu preparazzjoni u m'għandux ikun iżolat minn politika ta' żvilupp koerenti u effiċenti. Il-prinċipju tas-solidarjetà jeżiġi li l-Istati Membri jistabbilixxu moniteraġġ għal dawn il-miżuri.

PROĊEDURA

Titolu	Standards u proċeduri komuni għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jinsabu fil-pajjiż b'mod illegali
Referenzi	COM(2005)0391 - C6-0266/2005 - 2005/0167(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 29.9.2005
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Marie-Arlette Carlotti 27.3.2007
Data ta' l-adozzjoni	5.6.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 22 –: 0 0: 3
Membri preżenti għall-vot finali	Margrete Auken, Josep Borrell Fontelles, Danutė Budreikaitė, Corina Crețu, Nirj Deva, Alexandra Dobolyi, Fernando Fernández Martín, Filip Kaczmarek, Glenys Kinnock, Maria Martens, Luisa Morgantini, Miguel Portas, Toomas Savi, Frithjof Schmidt, Jürgen Schröder, Feleknas Uca, Margrietus van den Berg, Johan Van Hecke, Luis Yañez-Barnuevo García
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Jan Jerzy Kułakowski, Miguel Angel Martínez Martínez, Manolis Mavrommatis, Pasqualina Napoletano, Anne Van Lancker, Ralf Walter